FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Marzu, 2001

**Numru**

**Avviz. numru 1612/00JR**

**Pauline Cilia**

**vs**

**Mario Gauci**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija erbgha u disghin lira Maltija (Lm194.00), oltre l-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala, valur ta' tmien kambjali (Dok.A sa H) ta' erbgha u ghoxrin lira Maltija hamsa u ghoxrin centezmu (Lm24.25) il-wahda, li skadew kull xahar bejn it-13 ta' Settembru, 1999, u t-13 ta' April, 2000, u li gew girati f'isem l-attrici minn Blye Engineering Co. Ltd..**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Louis G. Vella ghall-attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mija erbgha u disghin lira Maltija (Lm194.00), oltre l-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala ta' erbgha u ghoxrin lira hamsa u ghoxrin centezmu l-wahda li skadew fit-13 ta kull xahar konsekuttiv mit-13 ta' Settembru, 1999 sat-13 ta' April, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**